MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tat-18 ta' April, 2007

Citazzjoni Numru. 10/2007

Joseph u Mary Axiak .

Vs

Direttur Reġistru Pubbliku għal Għawdex .

Il-Qorti ,

Rat ir-rikors li permezz tiegħu r-rikorrenti wara li ppremettew :

1. Illi isem l-esponenti huwa di fatti Joseph Axiak u di fatti huwa minn dejjem kien magħruf b'dana l-isem u dana anke kif jirriżulta mill-att tat-twelid tiegħu li qed jiġi ppreżentat u markat bħala Dok A ;

2. Illi mart l-esponenti minn dejjem kien jisimha Mary u dana anke kif jixhed l-att tat-twelid tagħha markat bħala Dokument B ;

3. Illi għalhekk l-iżball fl-att taż-żwieġ (Dok C) huwa wieħed ċar u manifest u dana stante illi isem r-rikorrenti Joseph Axiak ġie erronjament miktub bħala *Giuseppi Asciak* kif ukoll isem r-rikorrenti l-oħra Mary Axiak ġie erronjament imniżżel bħala *Marija Asciak ;*

4. Illi dana l-iżball huwa wieħed ċar u manifest u li żgur ma huwiex imputabbli għar-rikorrenti iżda biss għal żball klerikali da parti tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku .

Talbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex ;

1. Tordna korrezzjoni fl-att taż-żwieġ bin-numru progressiv mitejn u sebgħin tas-sena elf disa' mija u tlieta u sebgħin (270/1973) billi fil-kolonna 'Isem u Kunjom' l-isem Giuseppi Asciak jiġi mibdul f'Joseph Axiak u l-isem Marija Grech jiġi mibdul għal Mary Axiak .

Bl-ispejjeż u bl-inġunzjoni għas-subizzjoni illi għaliha minn issa inti nġunt .

Rat iċ-ċertifikati annessi ma' l-istess rikors, u ċioe' l-att tat-twelid tar-rikorrenti Joseph Axiak bin-numru erba' mija sebgħa u tmenin tas-sena elf disa' mija tlieta u ħamsin (487/1953) kif ukoll ta' Mary xebba Grech li jġib in-numru disgħa u tletin tas-sena elf disa' mija sitta u ħamsin (39/1956) ; ċertifikat esebit bhala dokument B mar-rikors; kif ukoll l-att taż-żwieġ tar-rikorrenti Giuseppi Axiak u Maria Grech li jġib in-numru mitejn u sebgħin tas-sena elf disa' mija tlieta u sebgħin (270/1973) esebit bhala dokument C .

Rat ukoll ir-riferta tar-reġistru Pubbliku għal Għawdex, li ġie notifikat b'dan ir-rikors fit-22 ta' Marzu 2007 .

Innutat l-istess intimat għażel li jibqa' kontumaċi .

Rat ukoll ir-rikors tar-rikorrenti tas-26 ta' Jannar 2007 fejn talbu li jipproċedu b'din il-kawża permezz ta' l-għajnuna legali .

Rat id-degriet tagħha ta' l-għoxrin ta' Frar 2007 li bih laqgħet din it-talba ;

Semgħet lill-attur Joseph Axiak jikkonferma bil-ġurament tiegħu l-kontenut ta' dan ir-rikors .

Il-Qorti għal hekk tiddeċidi l-kawża billi jidhrilha li t-talba hija ġustifikata, billi tilqa' l-istess talba u tordna l-korrezzjoni fl-att taż-żwieġ bin-numru progressiv mitejn u sebgħin tas-sena elf disa' mija tlieta u sebgħin (270/1973) billi fil-kolonna 'Isem u kunjom' l-isem Giuseppi Asciak jiġi mibdul f'Joseph Axiak u l-isem Marija Grech jiġi mibdul għal Mary Axiak . Axiak spellut fiż-żewġ okkażjonijiet AXIAK .

Minħabba n-natura tal-kawża ma' għandux ikun hemm spejjeż .

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------